MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tat-23 ta' Settembru, 2020

Rikors Ġuramentat Numru 41/2017LM

**L-Avukat Dottor Johnaton Abela (K.I. numru 376185M) bħala mandatarju speċjali tal-assenti José Alberto Dura Sapina**

***vs*.**

**Maria Spiteri (K.I. numru 18891M)**
**u b'digriet tas-27 ta' Frar, 2017, is-soċjetà GasanMamo Insurance Limited ġiet awtorizzata tintervjeni fil-kawża *in statu et terminis***

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors maħluf ippreżentat fit-13 ta' Jannar, 2017, mill-attur Johnaton Abela (K.I. numru 376185M) bħala mandatarju speċjali tal-assenti **José Alberto Dura Sapina** [minn issa 'l quddiem "l-attur"] kontra l-konvenuta **Maria Spiteri** [minn issa 'l quddiem "il-konvenuta"] li jgħid kif ġej:

*"Illi nhar it-tnejn u għoxrin (22) ta' Awwissu 2015 il-mandatarju tal-attur nomine, ossia José Alberto Dura Sapina kien riekeb bħala passiġġier fil-vettura b'numru ta' reġistrazzjoni EBT531, misjuqa mill-intimata Maria Spiteri;*

*Illi waqt li l-vettura kienet qiegħda tiġi misjuqa mill-intimata fis-Swieqi, b'negliġenza, traskuraġni, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku l-intimata skontrat ma' vettura oħra, ossia xarabank, u dan hekk kif ser jiġi pruvat aħjar waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawża;*

*Illi konsegwenza ta' dan l-inċident José Alberto Dura Sapina sofra danni inġenti fuq il-persuna tiegħu b'riżultat dirett ta' dan l-inċident u dan hekk kif se jirriżulta aħjar waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawża;*

*Illi dan l-inċident stradali seħħ unikament minħabba negliġenza, traskuraġni, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-intimata u dana hekk kif ser jirriżulta aħjar waqt it-trattazzjoni tal-kawża ;*

*Illi José Alberto Sapina għadu jattendi, sa llum, għand diversi mediċi u professjonisti konsegwenza diretta tal-inċident in kwistjoni u in oltre qiegħed isofri minn diżabilita permanenti fuq il-persuna tiegħu;"*

Għalhekk l-attur ħarrek lill-konvenuta sabiex tgħid għaliex din il-Qorti għar-raġunijiet hawn fuq imfissra, m'għandhiex:

*"1. Tiddikjara u tiddeċiedi li l-konvenuta hija unikament responsabbli għall-inċident awtomobilistiku li seħħ nhar it-tnejn u għoxrin (22) ta' Awwissu 2015 ġewwa s-Swieqi u li għalhekk l-istess konvenuta hija unikament responsabbli għad-danni kollha minnha kaġunati anke fuq il-persuna tal-mandatarju tal-attur nomine fl-imsemmi inċident;*

*2. Tillikwida d-danni sofferti mill-mandatarju tal-attur nomine, inkluż dawk ta' diżabilità ta' natura permanenti li huwa sofra bħala riżultat tal-inċident* de quo *occorrendo anke bl-opera ta' periti nominandi;*

*3. Tillikwida d-danni sofferti mill-mandatarju tal-attur nomine fir-rigward ta' spejjeż ta' tobba, professjonisti, mediċini, safar, u servizzi oħra li huwa kellu jinkorri konsegwenza diretta tal-inċident tat-tnejn u għoxrin (22) ta' Awwissu 2015;*

*4. Tikkundanna lill-konvenuta tħallas lill-attur nomine d-danni hekk likwidati.*

*Bl-ispejjeż kollha inkluż dawk tal-ittra uffiċjali li qiegħda tiġi preżentata kontestwalment kontra l-konvenuta li minn issa hija nġunta għas-subizzjoni."*

Rat ir-risposta maħlufa tal-konvenuta ppreżentata fit-2 ta' Frar, 2017, fejn eċċepiet is-segwenti:

"1. *Illi t-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda kontra r-rikorrent stante li l-inċident* de quo *ma seħħx tort tal-esponenti.*

2. *Illi mingħajr preġudizzju r-rikorrent irid iġib il-prova konkreta tal-allegata diżabilità li temerġi direttament minn dan l-akkadut.*

3. *Illi l-esponenti m'għandha tiġi kkundannata tħallas l-ebda danni jew spejjeż.*

4. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri."*

Rat id-digriet tagħha tas-27 ta' Frar, 2017, fejn laqgħet it-talba tas-soċjetà **GasanMamo Insurance Limited** kif imressqa permezz ta' rikors fis-26 ta' Jannar, 2017, b'talba sabiex tintervjeni *in statu et terminis* fil-proċeduri odjerni u sabiex tiġi awtorizzata tippreżenta risposta maħlufa.

Rat ir-risposta maħlufa tas-soċjetà intervenuta fil-kawża **GasanMamo Insurance Limited** (C 3143) [minn issa 'l quddiem "is-soċjetà intervenuta"] maħlufa minn Kristian Vella li ġiet ippreżentata fil-15 ta' Marzu, 2017, fejn eċċepiet is-segwenti:

"1. *Illi permezz tad-Digriet mogħti minn dina l-Onorabbli Qorti nhar is-27 ta' Frar 2017, is-soċjetà esponenti ġiet awtorizzata sabiex tintervjeni in* statu et terminis *fl-atti tal-proċeduri fl-ismijiet fuq premessi, bil-fakoltà illi tippreżenta r-Risposta Ġuramentata tagħha;*

2. *Illi s-soċjetà esponenti kienet ħarġet polza ta' assikurazzjoni tat-tip* Comprehensive *sabiex tkopri l-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni EBT 531, di proprjetà tasl-assigurata Grace Spiteri, liema polza kienet tkopri lill-istess Grace Spiteri kif ukoll lill-konvenuta Maria Spiteri u dana skont ma jirriżulta*

*miċ-Ċertifikat ta' Assigurazzjoni relattiv, illi kopja tiegħu qiegħda tiġi hawn annessa, esebita u mmarkata bħala* ***Dok. GMI1*** *sa* ***Dok. GMI3****;*

3. *Illi nhar it-22 ta' Awwissu 2015, l-imsemmija vettura misjuqa mill-konvenuta Maria Spiteri kienet involuta f'inċident awtomobilistiku fi Triq Sant'Andrija, Swieqi;*

4. *Illi fil-ħin tal-inċident* de quo *l-konvenuta kienet taħt l-effett tal-alkohol, u kwindi ma kinitx koperta mill-polza ta' assigurazzjoni relattiva u dan kif ser jirriżulta tul it-trattazzjoni ta' din il-kawża. Dana qiegħed jiġi sottomess mingħajr preġudizzju għal kull ksur ulterjuri tal-kundizzjonijiet tal-polza ta' assigurazzjoni maħruġa mis-soċjetà esponenti, skont ma jista' jirriżulta tul it-trattazzjoni ta' dina l-kawża;*

5. *Illi għal kull buon fini, is-soċjetà esponenti tirrileva illi l-assigurata Grace Spiteri istitwit proċeduri fil-konfront tal-istess soċjetà esponenti quddiem iċ-Ċentru Malti tal-Arbitraġġ, liema proċeduri jirrigwardjaw il-kopertura* o meno *tal-konvenuta Maria Spiteri taħt il-polza tal-assigurazzjoni* in vigore *fil-jum tal-inċident mertu tal-kawża odjerna fir-rigward tal-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni EBT 531, liema proċeduri għadhom pendenti sal-ġurnata ta' llum;*

6. *Illi s-soċjetà esponenti ma għandhiex eċċezzjonijiet x'tagħti fir-rigward ir-responsabilità tal-inċident* de quo, *b'dana però illi l-attur noe għandu jressaq kull prova valida u neċessarja skont il-Liġi sabiex jipprova dak minnu allegat;*

7. *Illi mingħajr preġudizzju għall-premess, jiġi rilevat illi fil-ħin tal-inċident* de quo *l-mandanti tal-attur noe kien riekeb bħala passiġġier mal-konvenuta fuq wara tal-vettura u dan mingħajr ma kien liebes ċ-ċintorin tas-sigurtà skont ma kellu l-obbligu illi jagħmel. Inoltre, kien l-istess mandanti tal-attur noe li għażel volontarjament illi jirkeb bħala passiġġier mal-konvenuta Maria Spiteri. Dan allura huwa każ fejn il-mandanti tal-attur noe u ċioé Jose Alberto Dura Sapina stess kien negliġenti bħala passiġġier, kif ukoll bħala persuna illi qiegħed ħajtu f'periklu evidenti u prevedibbli. A bażi tal-prinċipju* volenti non fit iniuria, *l-mandanti tal-attur noe għandu jwieġeb hu stess għad-danni allegatament sofferti in segwitu għall-inċident* de quo;

8. *Illi fiċ-ċirkostanzi għalhekk is-soċjetà esponenti tista' tiġi kkundannata biss illi tħallas id-danni pretiżi mill-attur noe* ai termini *tal-Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta****,*** *bid-dritt ta' rivalsa kontra l-assigurata tagħha u x-xufiera effettiv;*

9. *Illi mingħajr preġudizzju għall-premess, l-attur noe għandu jġib l-aħjar prova tal-ħtija tal-konvenuta Maria Spiteri għall-inċident* de quo *u tal-ammont ta' danni minnu reklamati.*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri."*

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Semgħet ix-xhieda prodotti mill-partijiet.

Rat id-digrieti rispettivi tagħha tal-15 ta' Jannar, 2018, u tad-9 ta' April, 2018, fejn ġew maħtura Mr Frederick Zammit Maempel bħala espert mediku ġudizzjarju fl-ortopedija, Dr Anthony Galea Debono bħala espert mediku ġudizzjarju fin-newroloġija u Dr David Cassar bħala espert mediku ġudizzjarju psikjatriku.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

Rat il-verbal tal-udjenza tas-7 ta' Frar, 2020, fejn il-kawża tħalliet għas-sentenza, li qiegħda tingħata llum.

**Il-kwistjoni bejn il-partijiet**

Fir-rikors maħluf tiegħu l-attur jippremetti li huwa sofra danni inġenti fuq il-persuna tiegħu bħala konsegwenza tal-inċident stradali li seħħ fit-22 ta' Awwissu, 2015, bejn il-karozza misjuqa mill-konvenuta, numru ta'

reġistrazzjoni EBT 531 [minn issa 'l quddiem "il-karozza"], fejn huwa kien riekeb bħala passiġġier, u xarabank. B'hekk huwa qiegħed jitlob lil din il-Qorti sabiex tiddikjara li l-konvenuta hija unikament responsabbli għall-inċident inkwistjoni u għad-danni kollha li huwa sofra bħala konsegwenza u sabiex tillikwida l-istess u tordna lill-konvenuta tħallas dawk id-danni hekk likwidati, flimkien mal-ispejjeż inklużi dawk tal-ittra uffiċjali ppreżentata kontestwalment.

Il-konvenuta tilqa' billi tgħid li hija ma kellha l-ebda ħtija għall-akkadut u għalhekk it-talbiet tal-attur għandhom jiġu miċħuda.

Is-soċjetà intervenuta fil-kawża tispjega li hija kienet ħarġet polza ta' assigurazzjoni tat-tip *comprehensive* sabiex tkopri l-karozza misjuqa mill-konvenuta li kienet proprjetà ta' Grace Spiteri, liema polza kienet tkopri kemm l-imsemmija Grace Spiteri u wkoll il-konvenuta. Issostni li dakinhar tal-inċident il-konvenuta kienet qiegħda ssuq taħt l-effett tal-alkoħol u għalhekk ma kinitx koperta mill-polza ta' assigurazzjoni, b'dana li ddikjarat li hija ma kellha l-ebda eċċezzjoni x'tagħti fir-rigward tar-responsabbilità għall-inċident *de quo.* Iżda fir-rigward tal-attur allegat li dan ma kienx liebes iċ-ċinturin tas-sigurtà fil-ħin tal-inċident u minn jeddu għażel li jirkeb bħala passiġġier mal-konvenuta u b'hekk kellu jwieġeb huwa stess għad-danni allegati sofferti minnu.

**<u>Provi u riżultanzi</u>**

Waqt l-udjenza tat-2 ta' Mejju, 2017, xehed minn jeddu **l-Ispettur Trevor Micallef**[1], prodott mill-attur, fejn esebixxa kopja tal-*Full Road Traffic Accident Report* li ġie mmarkat Dok. TM1.[2] Esebixxa wkoll kopja tad-dokument li permezz bih huwa kien informa lill-Maġistrat tal-Għassa Dott. Marseann Farrugia bl-inċident inkwistjoni, liema dokument ġie mmarkat Dok. TM2.[3]

Waqt l-udjenza tat-2 ta' Mejju, 2017, xehdet **Doris Vella Cassia**[4] in rappreżentanza tal-Isptar Mater Dei, prodotta mill-attur. Hija esebiet il-fajl mediku tal-istess attur, li ġie mmarkat Dok. DVC1.[5]

Waqt l-udjenza tat-28 ta' Ġunju, 2017, xehed **Carmelo Mallia**[6], prodott mill-attur. Ix-xhud spjega li għall-ħabta tal-4.45 jew il-5.00 ta' filgħodu fit-22 ta' Awwissu, 2015, huwa kien qed isuq xarabank tal-għamla Volvo 357 lejn Paceville, wara li kien telaq minn Pembroke fuq l-ewwel vjaġġ ta' filgħodu. Hekk kif qabad il-kurvatura sab karozza bajda tal-għamla Toyota ġejja minn faċċata fil-karreġġjata tiegħu. Spjega li din ħabtet max-xarabank u mad-daqqa marret lura, qabżet is-*central strip* u ħabtet mal-ħajt. Huwa kien weġġa' irkupptejh u għalhekk ma setax joħroġ mix-xarabank.

L-attur **José Alberto Dura Sapina** xehed permezz tal-proċedura tal-*affidavit*.[7] Spjega li huwa kien ġie Malta f'April tas-sena 2015 sabiex jistudja l-ilsien Ingliż,

[1] *A fol.* 123 *et seq.*
[2] *A fol.* 126.
[3] *A fol.* 138.
[4] *A fol.* 140 *et seq.*
[5] *A fol.* 142 *et seq.*
[6] *A fol.* 431 *et seq.*
[7] *A fol.* 440 *et seq.*

iżda fit-22 ta' Awwissu, 2015, ħajtu nbidlet għalkollox. Wara li huwa u tlieta minn sħabu spiċċaw mix-xogħol hekk kif kienu daqqu nofsillejl, huwa kien ċempel għal taxi sabiex twassalhom sar-residenza tiegħu, iżda dak il-ħin tfaċċat il-kuġina tal-*manager,* ċerta Maria Spiteri li offriet li twassalhom. L-attur qal li huwa ma kien ra xejn barra mis-soltu fl-attitudini tagħha jew bil-mod li Maria Spiteri kienet qiegħda titkellem jew taġixxi. Iddikjara wkoll li huwa ma kienx jaf li din ma kinitx f'sikkitha. Huma rikbu kollha fil-karozza u huwa qagħad bilqiegħda fuq in-naħa tal-lemin fuq wara. Stqarr li huwa ma kienx osserva l-mod li bih kienet qiegħda ssuq il-konvenuta, iżda wisq probabbli din kienet qiegħda ssuq b'mod normali u jekk le, żgur li huwa kien jiġbdilha l-attenzjoni. Bid-daqqa huwa tar 'il barra mill-vettura u spiċċa taħt ix-xarabank, bil-konsegwenza li għamel ħsara kbira lin-nervituri f'dirgħajh tal-lemin hekk kif din inqabdet mas-*safety belt*. Huwa ma seta' jiftakar xejn aktar sakemm sab ruħu l-isptar imdawwar bil-familja, it-tfajla u l-ħbieb tiegħu xi 15 sa 20 jum wara l-inċident. L-attur spjega kif huwa kien f'pożizzjoni tant kritika mal-ħabta, li kien saħansitra intilef minn sensih. Meta ġie f'sensih l-isptar xi żmien wara, huwa kien qed isofri minn uġigħ kbir u kien biss wara xahar u permezz ta' ajruplan speċjali li huwa ttieħed lura Spanja. Spjega kif sena u nofs wara l-inċident huwa kien għadu jbati minn uġigħ, tant li kien qed jieħu sustanza qawwija għal dan. Kompla jgħid li ħajtu nbidlet b'tali mod li saħansitra kien iħoss dwejjaq kbar u jispiċċa jibki kuljum. Ir-relazzjoni mal-ġenituri u ma' ħuh inbidlet u ma baqgħax f'relazzjoni mat-tfajla tiegħu. Kellu jmur lura jgħix mal-ġenituri għaliex issa li ma setax aktar juża dirgħajh tal-lemin, kellu bżonn l-għajnuna f'kulma jagħmel. Biegħ il-karozza u kellu jneħħi ż-żiemel tiegħu minħabba l-istess

raġuni. L-attur ippreżenta *affidavit*[8] ulterjuri fir-rigward tad-dħul tiegħu qabel ma seħħ l-inċident inkwistjoni u fejn elenka l-ispejjeż mediċi li kien inkorra. Spjega li sa Marzu 2015, huwa kien ħadem ma' kumpannija li l-operat tagħha fil-metall kien spiċċa bil-mod minħabba l-kriżi madwar id-dinja u l-Ewropa. Dak iż-żmien huwa kien jaħdem ukoll *part-time* bħala *waiter,* fejn kien jipperċepixxi madwar €400 fix-xahar, u parti minn dan l-introjtu kien jikkonsisti f'*tips*. Minn hemm huwa għadda sabiex għamel elenku tal-ispejjeż mediċi li kien inkorra sussegwenti għall-inċident, u spjega wkoll li kien hemm diversi mediċini oħra li huwa kien kostrett jieħu għall-kumplament ta' ħajtu sabiex itaffi l-uġigħ kroniku newropatiku, kif ukoll diversi terapiji li kien ser jibqa' jiddependi fuqhom.

Ħu l-attur **Pablo Dura Sapina**, ukoll xehed permezz tal-*affidavit*.[9] Spjega kif fit-22 ta' Awwissu, 2015, huwa rċieva telefonata mingħand it-tfajla ta' ħuh li infurmatu li l-attur kien involut f'inċident ta' traffiku ikrah u li kien f'qagħda kritika. Huwa mar jgħid b'dan lill-ġenituri tiegħu u fil-frattemp irċieva telefonata mingħand l-Ambaxxata Spanjola ta' hawn Malta u anki mill-Isptar Mater Dei, fejn insistew miegħu li għandhom imorru Malta minnufih. L-għada huma waslu l-isptar Malta għall-ħabta tas-1.30 ta' filgħodu fejn sabu lill-attur fit-taqsima tal-kura intensiva u t-tabib qalilhom li kien f'qagħda tassew serja. Kien sar ħsara fil-moħħ u anki fil-pulmun, u mill-esperjenza tat-tabib, l-attur wisq probabbli kien ser imut fis-sigħat ta' wara. Kien biss wara xi ħmistax-il jum li l-qagħda tiegħu bdiet titjieb xi ftit. Missieru kellu jerġa' lura Spjanja għal

---

[8] *A fol.* 567.
[9] *A fol.* 445 *et seq.*

raġunijiet ta' xogħol u baqgħu mal-attur hawn Malta x-xhud u ommu, u kien biss wara xahar u nofs li reġgħu lura Spanja kollha flimkien. Iżda x-xhur ta' wara kienu l-agħar xhur ta' ħajjithom minħabba l-aġir tal-attur, li x-xhud iddeskrivih bħala wieħed ta' rabja. Dan filwaqt li baqa' jbati minn uġigħ tant kbir li ngħata kura qawwija, liema kura l-attur kien rabba vizzju għaliha. Ix-xhud spjega kif l-attur minn persuna indipendenti li kien dejjem attiv u jħobb isiefer, spiċċa jiddependi fuq ħaddieħor għall-bżonnijiet ta' kuljum. Anki r-relazzjoni tax-xhud mal-attur tbiddlet b'mod li saħansitra ma kinux jafdaw lil xulxin aktar.

Omm l-attur **Carmina Sapina Feases** ukoll xeħdet permezz tal-*affidavit*.[10] Spjegat li fit-22 ta' Awwissu, 2015, għall-ħabta tat-3.00 ta' wara nofsinhar it-tifel tagħha Pablo rċieva telefonata mingħand l-Ambaxxata Spanjola f'Malta u anki mill-Isptar Mater Dei u minn diversi ħbieb u t-tfajla tal-attur, fejn qalulhom sabiex jinżlu hawn Malta minnufih għaliex l-attur kien involut f'inċident serju tat-traffiku. Huma saqu sa Madrid minn fejn qabdu l-ajruplan għal Malta, fejn waslu 'l għada għall-ħabta tas-1.30 ta' filgħodu. Huma marru dritt fit-taqsima tal-kura intensiva Mater Dei, fejn hija bilkemm setgħet tagħraf lill-attur. L-għada mar qassis jagħtih il-Griżma għaliex l-isptar kienu ċerti li l-attur ma kienx ser jgħix. Ir-raġel tagħha kellu jmur lura Spanja għal raġunijiet ta' xogħol u hi u binha Pablo baqgħu hawn Malta għal kważi xahrejn oħra. Bil-mod il-ġrieħi li sofra f'rasu l-attur kienu qegħdin ifiequ u wara operazzjoni hawn Malta, huma setgħu jerġgħu lura f'pajjiżhom. Spjegat kif ħajjithom saret infern kemm minħabba l-qagħda finanzjarja li sabu ruħhom fiha bl-ispejjeż ta'

[10] A *fol.* 448 *et seq*.

mediċini, tobba, eċċ. u l-vizzju li l-attur rabba għall-mediċina li kellu jieħu f'ammonti sostanzjali, kif ukoll il-burdati li kien ibati minnhom l-istess attur minħabba li issa kien tilef l-użu ta' dirgħajh tal-lemin, tant li kellu bżonn l-għajnuna f'kollox.

Waqt l-udjenza tat-20 ta' Novembru, 2017, xehdet **Martha Agnieszka Rucisnka**[11], prodotta mill-attur. Qalet li fit-22 ta' Awwissu, 2015, hekk kif hija flimkien mal-attur, Alice Nicovea u Nico, spiċċaw ix-*shift* tax-xogħol tagħhom ġewwa ristorant bl-isem '*Tapas'* f'Paceville, iddeċidew li jilqgħu l-istedina tal-attur sabiex imorru għandu. L-attur ċempel għal taxi, iżda waqt li kienu qegħdin jistennew barra, raw lill-konvenuta għaddejja barra li kkonvinċiethom sabiex twassalhom hi għal fejn riedu jmorru. Ix-xhud kienet iltaqgħet mal-konvenuta ftit ġimgħat qabel f'*party*. Għalhekk huma mxew magħha sal-karozza tagħha u x-xhud daħlet fuq in-naħa ta' wara fejn qagħdet bilqiegħda fin-nofs, filwaqt li l-attur kien bilqiegħda fuq in-naħa tal-lemin tagħha. Hija kienet qiegħda tpaċpaċ ma' Alice, li kienet bilqiegħda wkoll wara magħha, u f'daqqa waħda x-xhud rat xarabank ġejja minn quddiemhom, bdiet tgħajjat u minn hemm ma setgħetx tiftakar aktar x'ġara, għajr li sabet ruħha l-isptar. Filwaqt li spjegat li hija sofriet ksur f'minkbejha, qalet li xi tliet xhur qabel l-udjenza hija kienet marret iżżur lill-attur fejn kien joqgħod ġewwa Valencia u setgħet tosserva li ma setax iċaqlaq idu.

Waqt l-udjenza tal-24 ta' April, 2018, xehed **Ian Vella**, prodott mill-attur.[12] Spjega li dakinhar tal-inċident huwa kien fuq it-*traffic lights* wara l-karozza tal-

[11] *A fol.* 479 *et seq.*
[12] *A fol.* 497 *et seq.*

konvenuta u hekk kif dawn qelbu għall-aħdar, lilha raha ddur għan-naħa tal-lemin, b'dana li mbagħad żammet fuq in-naħa tal-lemin minn fejn kien jinżel it-traffiku. Ħin bla waqt ra xarabank ġejja mid-direzzjoni opposta u seħħ l-inċident inkwistjoni. Ix-xhud mar lejn il-vettura u seta' jara li l-konvenuta kienet f'sensiha, iżda t-tliet persuni fuq wara ma kinux f'sensihom. Kien hemm ġuvni li ħareġ min-naħa tal-passiġġier fuq quddiem u deher li ma kien ġralu xejn. Spjega li bid-daqqa l-karozza kienet marret fuq in-naħa tiegħu tat-triq b'mod li ħadd ma seta' jgħaddi.

Waqt l-udjenza tal-10 ta' Diċembru, 2018, xehdet in kontroeżami **Marta Agnieszka Rucinska**[13], prodotta mis-soċjetà intervenuta fil-kawża. Spjegat li kienu għall-ħabta tas-sagħtejn jew tat-tlieta ta' filgħodu tat-22 ta' Awwissu, 2015, meta hija kienet qiegħda tagħlaq ir-ristorant fejn hija kienet taħdem flimkien ma' Nico, l-attur u Alice. Irrilevat li lill-konvenuta, li kienet il-kuġina ta' Karl Curmi l-*manager* tar-ristorant, kienet ratha barra fit-triq dakinhar. Huma stennewha sakemm marret għall-karozza tagħha. Ikkonfermat li hija ma kinitx liebsa *safety belt* dakinhar.

Waqt l-istess udjenza xehed in kontroeżami **Carmel Mallia**[14], prodott mill-konvenuta. Ikkonferma li l-inċident inkwistjoni seħħ fid-dawra u dak il-ħin huwa kien qed isuq b'25m.f.s. Hekk kif kien ra xi ħaġa mhux tas-soltu, huwa kien kważi waqaf għalkollox, iżda l-karozza l-oħra baqgħet sejra għal fuqu *head-on.*

[13] *A fol.* 521.
[14] *A fol.* 527 *et seq*.

Waqt l-udjenza tal-4 ta' Frar, 2019, xehed l-attur in kontroeżami prodott mill-konvenuta u mis-soċjetà intervenuta fil-kawża.[15] Il-ġurnata ta' qabel l-inċident inkwistjoni, huwa kien beda xogħol fil-5.00 ta' filgħaxija, iżda ma setax jiftakar f'liema ħin kien spiċċa. Qal li s-soltu kien jispiċċa għall-ħabta tas-1.30 jew is-2.00 ta' filgħodu. Stqarr li lill-konvenuta huwa ma kienx jafha qabel seħħ l-inċident, iżda wara sar jaf li hija kienet kuġina ta' Karl Curmi. Ikkonferma li wara li kienu spiċċaw xogħol, hu u sħabu kien ħadu xi xorb. Stqarr li huwa ma setax jiftakar fejn kien riekeb fil-karozza, u lanqas jekk kienx liebes *safety belt.* Ikkonferma li llum huwa jista' jinħasel waħdu u anki jsuq karozza b'sistema *automatic.*

L-attur xehed minn jeddu waqt l-udjenza tas-6 ta' Frar, 2019[16], fejn ikkonferma li huwa kien biegħ il-karozza tiegħu għaliex din kienet taħdem b'sistema *manual* u għalhekk minflok huwa xtara waħda li hija *automatic.*

Waqt l-istess udjenza xehdet **Carmena Sapina**[17], prodotta mill-attur. Ikkonfermat li l-attur ma kienx jieħu il-Fentanyl aktar. Ikkonfermat li l-attur kien isuq u li kien għadu jgħix magħha. Spjegat li minn dakinhar tal-inċident il-ħajja ta' binha kienet inbidlet sew, kif kien ukoll inbidel il-karattru tiegħu. Żiedet tgħid li l-agħar problema tiegħu kien l-uġigħ li kien ibati minnu.

Il-konvenuta **Maria Spiteri** xehdet permezz tal-proċedura tal-*affidavit*.[18] Qalet li fil-21 ta' Awwissu, 2015, għall-ħabta tad-9.00 ta' filgħaxija hija kienet għaddiet għall-ħabib tagħha Massimo ġewwa s-Swieqi u marru jieklu l-

[15] *A fol.* 537 *et seq.*
[16] *A fol.* 548 *et seq.*
[17] *A fol.* 551 *et seq.*
[18] *A fol.* 618 *et seq.*

*McDonalds* fin-Naxxar. Hija kienet qed issuq il-karozza ta' ommha tal-għamla Toyota Yaris bin-numru ta' reġistrazzjoni EBT 531. Aktar tard marru *Bay Street* u minn hemm għal *Hugo's Terrace,* fejn hija ħadet wieħed *whisky* bis-silġ. Spjegat li dak iż-żmien hija kienet taħdem matul il-jum bħala *salesgirl* ma' *Timberland* u wara kienet tibqa' sejra l-Isptar Mater Dei, fejn kienet taħdem ukoll *part-time* bħala *carer* sas-7.00 tal-għada filgħodu. Peress li kienet qiegħda tħossha għajjiena, sellmet lill-ħabib tagħha u telqet għall-karozza tagħha li kienet ħallietha fil-*car park* tal-Eden. Fi triqitha għaddiet quddiem *Hugo's Tapas,* fejn rat lill-impjegati li kkonvinċewha sabiex tagħmel xi ħin magħhom. Spjegat li lil dawn hija kienet tafhom. Huma kienu qegħdin jixorbu, iżda hija ma ħadet l-ebda xorb alkoħoliku. Damet aktar minn ħames minuti hemmhekk tpaċpaċ, u meta qaltilhom li kienet ser titlaq 'l hemm, qalulha biex tistennihom ftit sabiex twassalhom hi. Sadanittant hija marret għall-karozza tagħha, iżda ma kienet tiftakar xejn aktar minn hekk. Sabet ruħha l-isptar fejn it-tobba qalulha li kienet qasmet rasha f'żewġ bnadi. Hija ma setgħetx tiftakar min kien magħha fil-karozza, iżda setgħet tiftakar biss li hija kienet ftiehmet ma' Elisa, José, Martha u Nico, kollha barranin, biex twassalhom. Spjegat li hija kienet damet l-isptar ħmistax-il jum u erba' xhur f'siġġu tar-roti. Qalet ukoll li għamlet sena bil-krozzi u ġiet operata darbtejn f'sieqha. Min-naħa tagħha ppruvat taħseb x'kien ġralha, iżda setgħet taħseb biss li dak li ġara kien riżultat ta' *blackout,* li diġà kienet sofriet wieħed f'Marzu tal-istess sena, jew li kienet għajjiena żżejjed.

Waqt l-udjenza tat-8 ta' Lulju, 2019, xehdet **Doris Vella Cassia** in rappreżentanza tal-Isptar Mater Dei, prodotta mill-konvenuta. Esebiet *case*

*summary* tal-konvenuta ta' meta daħlet l-isptar fit-13 ta' Marzu, 2015, u ġiet rilaxxjata l-għada fl-14 ta' Marzu, 2015, liema dokument ġie mmarkat Dok. DVC1.[19]

Waqt l-udjenza tat-30 ta' Ottubru, 2019, xehed **Kristian Vella**[20] prodott mis-soċjetà intervenuta fil-kawża. Spjega li huwa kien jaħdem bħala *senior claim adjustor* mas-soċjetà intervenuta għal dawk l-aħħar seba' snin u kien hu li ħa ħsieb il-*claim* li sar min-naħa ta' omm il-konvenuta bħala *policy holder.* Ix-xhud esebixxa diversi dokumenti li ġew immarkati minn Dok. KV1 sa Dok. KV13.[21] Irrileva li meta f'Novembru tas-sena 2015 wasal il-*fajl* tal-isptar tal-konvenuta f'idejhom, osservaw li l-*ethanol level* kien indikat bħala "*abnormally high*" u għalhekk irriżulta li l-konvenuta mhux biss kienet qiegħda ssuq taħt l-influwenza tal-alkoħol, iżda wkoll li l-livell tiegħu kien aktar minn dak permess mil-liġi. Fil-*pre-op admission sheet* huma sabu li kien hemm imniżżel li l-konvenuta kienet ħadet erba' *drinks* qabel l-inċident, meta fl-i*statement* li għamlet magħhom hija kienet iddikjarat li ħadet biss wieħed *whisky* wieħed*.* B'hekk huma kitbu lill-konvenuta li kien hemm ksur tal-kundizzjonijiet tal-polza tal-assikurazzjoni u ma setgħux joffru kopertura. Anki mill-Inkjesta Maġisterjali kien irriżulta mix-xhieda ta' Martha Lutinska li l-konvenuta kienet ħadet xorb alkoħoliku.

Waqt l-udjenza tat-18 ta' Novembru, 2019, xehdet **Doris Vella Cassia**[22], in rappreżentanza tal-Isptar Mater Dei, prodotta mis-soċjetà intervenuta fil-

[19] *A fol.* 625.
[20] *A fol.* 630 *et seq*.
[21] *A fol.* 638 sa 713.
[22] *A fol.* 727.

kawża. Ix-xhud ippreżentat il-fajl mediku tal-konvenuta li ġie mmarkat Dok. MSS1.[23]

Waqt l-udjenza tat-18 ta' Novembru, 2019, xehdet in kontroeżami l-konvenuta, prodotta mis-soċjetà intervenuta fil-kawża.[24] Spjegat li meta fl-*affidavit* qalet li hija kienet xorbot xi xorb mhux alkoħoliku, wisq probabbli dan kien *bitter lemon*. Meta għaddiet minn quddiem '*Tapas'* u ħbiebha kienu għajtulha u hi waqfet ħdejhom, setgħet tiftakar li dawn kellhom quddiemhom fuq il-mejda ħafna tazzi bix-xorb. Xi ħadd minnhom kienet saqsietha sabiex twassalha, u kif qalet iva fil-pront qalulha li setgħu jitilgħu magħha kollha għaliex kienu sejrin fl-istess post. Qalet li dak il-ħin kien hemm min qed jaħsibha sabiex iċemplu għal taxi. Ikkonfermat li l-uniku *blackout* li kien taha kien f'Marzu tas-sena 2015, u lill-kumpannija assiguratriċi ma kinitx infurmatha b'dan. Il-konvenuta ma setgħetx tikkonferma li l-isptar kienet qaltilhom li hija kienet ħadet erba' *drinks*. Ikkonfermat li l-firma fuq Dok. KV2 u Dok. KV4 kienet tagħha.

Il-konvenuta reġgħet xehdet in kontroeżami waqt l-udjenza tat-13 ta' Jannar, 2020[25], din id-darba prodotta mill-attur. Mistoqsija kemm kienet damet it-'*Tapas'*, il-konvenuta qalet li ma setgħetx tiftakar. In-nies li ltaqgħet magħhom hemm dakinhar ma kinux ħbieb tagħha, iżda kienet biss tafhom jaħdmu hemm. Fuq diversi mistoqsijiet dwar x'ġara qabel l-inċident, il-konvenuta stqarret li hija ma setgħetx twieġeb għaliex hija kienet sofriet żewġ ġrieħi f'rasha bħala riżultat tal-inċident u t-tobba qalulha li hija ħaġa normali li ma

[23] *A fol.* 728 *et seq.*
[24] *A fol.* 887 *et seq.*
[25] *A fol.* 893 *et seq.*

tiftakarx dak kollu li kien ġara. Il-konvenuta xehdet ukoll in kontroeżami min-naħa tas-soċjetà intervenuta fil-kawża. Ikkonfermat għal darb'oħra li hija ma kinitx taf x'kienu qed jixorbu n-nies li ltaqgħet magħhom it-'*Tapas'.*

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

Il-Qorti sejra l-ewwel tindirizza l-kwistjoni tar-responsabbilità għall-inċident inkwistjoni, imbagħad tgħaddi biex tikkonsidra t-talbiet l-oħra f'din il-kawża. Fir-rikors maħluf tiegħu l-attur jippremetti li huwa sofra danni inġenti fuq il-persuna tiegħu bħala konsegwenza diretta tal-inċident inkwistjoni, li huwa jgħid seħħ biss riżultat tan-negliġenza, traskuraġni, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku min-naħa tal-konvenuta. Jispjega li dakinhar fit-22 ta' Awwissu, 2015, huwa kien riekeb bħala passiġġier fil-karozza misjuqa mill-konvenuta meta din ħabtet max-xarabank.

Il-konvenuta tilqa' billi tgħid li l-inċident ma kienx seħħ tort tagħha, u fi kwalunkwe każ u mingħajr preġudizzju, l-attur għandu jġib prova tal-allegata diżabilità li sofra kawża tal-inċident.

Is-soċjetà intervenuta fil-kawża qabelxejn tissottometti li l-konvenuta ma kinitx koperta bil-polza ta' assikurazzjoni maħruġa mill-istess soċjetà intervenuta fil-kawża, peress li fil-ħin tal-inċident hija kienet qiegħda ssuq taħt l-effett tal-alkoħol. Iżda mbagħad tiddikjara li hija m'għandha l-ebda eċċezzjoni x'tagħti fir-rigward tar-responsabbilità tal-inċident, filwaqt li tirrileva li dak il-ħin l-attur

ma kienx liebes iċ-ċinturin tas-sigurtà u għażel volontarjament li jirkeb bħala passiġġier fil-karozza misjuqa mill-konvenuta.

Din il-Qorti mill-ewwel tgħid li ma hemm l-ebda dubju li hija proprju l-konvenuta li hija responsabbli għall-inċident inkwistjoni. Kienet hi li għażlet minn jeddha, b'periklu kbir għaliha u għal ħaddiehor, kemm jekk riekeb magħha u anki bħala utent tat-triq, li ssuq fil-karreġġjata intiża għat-traffiku sejjer fid-direzzjoni opposta, bi ksur lampanti tar-regolamenti tat-traffiku. Dan il-fattur waħdu jagħmilha unikament responsabbli għall-inċident. Il-Qorti tosserva li għalkemm teċċepixxi li hija ma kinitx responsabbli għall-akkadut u għad-danni konsegwenzjali, il-konvenuta min-naħa tagħha llum jidher li għarfet sew il-ħtija tagħha għaliex ma għamlet l-ebda tentattiv sabiex taħrab mir-responsabbilità. Minkejja dan hija xorta waħda fl-*affidavit* tagħha[26] toffri żewġ raġunijiet għal għemilha. Tgħid li ftit xhur qabel l-inċident f'Marzu 2015, hija kienet sofriet minn *blackout* waqt li kienet qiegħda ssuq u waqfet fil-ġenb tat-triq fejn ċemplet lil ommha. Fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha l-konvenuta tagħmel riferiment għal Dok. CS[27] ippreżentat flimkien mal-*affidavit* tagħha bħala evidenza, filwaqt li tgħid ukoll li kienet għamlet xahar ma ssuqx u sar eżami ieħor wara xahar minn meta seħħ l-ewwel *blackout*, u ġie kkonfermat li ma kellha xejn. Il-Qorti tosserva li dan kollu ddikjaratu l-konvenuta fl-*affidavit* tagħha. Tosserva wkoll li fil-*Case Summary* tal-*file* mediku tagħha, jirriżulta li l-konvenuta kienet ingħatat struzzjonijiet fid-data tad-*discharge date* tagħha sabiex ma ssuqx qabel ma jkun hemm appuntament ieħor mat-Tabib Newrologu Malcolm Vella, iżda ma jirriżultax jekk il-

[26] *Supra.*
[27] *A fol.* 261.

konvenuta kienet attendiet għal eżami ulterjuri, u fl-affermattiv jekk ir-riżultat kien tali li hija ma kinitx aktar inibita milli ssuq. Din il-prova kienet tispetta lill-konvenuta proprju wkoll għaliex hija stess qegħda tressaq bħala skużanti l-probabbilità li qabel l-inċident kien taha *blackout* ieħor, u fin-nuqqas ta' tali prova l-Qorti ma tistax ma tqisx li l-konvenuta weriet nuqqas ta' responsabbilità u negliġenza meta saħansitra aċċettat li twassal lill-attur u lit-tliet kollegi tiegħu tax-xogħol għal fejn riedu jmorru.

Iżda ma jirriżultax li fil-każ odjern kien ġara l-istess għaliex il-konvenuta kienet qabdet il-karreġġjata l-ħażina u baqgħet tiela' minnha bla waqfien sakemm ħabtet max-xarabank li kienet nieżla.[28] Tgħid ukoll li raġuni oħra għal mod kif saqet dakinhar setgħet tkun li hija kienet għajjiena żżejjed. Il-Qorti ma tistax tiskarta din il-possibilità peress li l-konvenuta skont dak li tgħid fl-*affidavit* tagħha[29] kienet ilha barra mid-9.00 ta' filgħaxija tal-ġurnata ta' qabel u l-inċident skont il-*Full Road Traffic Accident Report*[30] esebit mill-Ispettur Trevor Micallef seħħ għall-ħabta tal-5.20 ta' filgħodu tat-22 ta' Awwissu, 2015.

Is-soċjetà intervenuta fil-kawża tagħti hi r-raġuni għall-akkadut meta ssostni fir-risposta maħlufa tagħha li fil-ħin tal-inċident il-konvenuta kienet taħt l-effett tal-alkoħol. Iżda dan tagħmlu biss għall-fini tar-responsabbilità tagħha għall-ħlas ta' danni skont il-polza ta' assigurazzjoni. Filwaqt li l-Qorti tirrileva li s-soċjetà intervenuta fil-kawża għamlet ħilitha sabiex turi permezz tal-provi kif waslet għal din il-konklużjoni billi wkoll straħet fuq dokument fil-*file* mediku

---

[28] Ara x-xhieda ta' Carmel Mallia, xufier tax-xarabank, seduta 28.06.17 *a fol.* 431, l-*affidavit* tal-attur *a fol.* 441, xhieda tal-passiġġiera Martha Agnieszka Rucisnka seduta 20.11.17 *a fol.* 479B, xhieda tas-sewwieq tal-vettura ta' warajha Ian Vella seduta 24.04.18 *a fol.* 497 *et seq.*
[29] *Supra.*
[30] *A fol.* 126.

tal-konvenuta[31], tqis li l-kwistjoni hija irrilevanti f'dawn il-proċeduri fejn ir-responsabbilità toħroġ waħedha mill-mod kif saqet il-konvenuta.

Is-soċjetà intervenuta fil-kawża ssostni wkoll li fil-ħin tal-inċident inkwistjoni l-attur (i) ma kienx liebes iċ-ċinturin tas-sigurtà, u (ii) li huwa rikeb minn jeddu mal-konvenuta. B'hekk huwa kien negliġenti bħala passiġġier u kien huwa stess li qiegħed ħajtu fil-periklu.

Fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha, is-soċjetà intervenuta fil-kawża tressaq is-segwenti bħala prova tal-fatt allegat minnha li l-attur ma kienx liebes ċinturin tas-sigurtà: (a) ir-rapport tal-esperti mediċi a *fol.* 531 *et seq.* fejn dawn iddikjaraw li *"Mr Dura told us on oath that on 22nd August 2015 he was involved in a road traffic accident ... He was not wearing a seat belt"*, fatt li qatt ma ġie kkontestat mill-attur; u wkoll (b) in-notament fil-*file* mediku tal-attur ippreżentat bħala Dok. DVC1, fejn jingħad *"found folded in two behind drivers seat"*.[32]

Iżda kwantu għal dak li ngħad li l-attur ma kkontestax dak li ntqal mill-esperti mediċi fir-rapport tagħhom, is-soċjetà intervenuta fil-kawża ukoll ma kkontestatx, kif ser jiġi spjegat, dak li jgħid l-attur fl-*affidavit* tiegħu a *fol.* 441 *tergo* tal-atti, li huwa proprju l-kuntrarju:

> *"In the crash I just flew right out the car ending up under the bus and therefore all my nerves from my braquial plexus of my right arm got ripped off, since my right arm got stacked with the seat belt in the moment I flew extremely fast out of the car as a result of the collision and after that moment I don't remember anything until I*

[31] *A fol.* 654, liema dokument jagħmilha ċara li *"these results are therefore not valid for medico-legal use"*.
[32] *A fol.* 143.

*woke up in the hospital and I saw my family, girlfriend and friends after 15-20 days from the crash".*

Fil-kontroeżami li s-soċjetà intervenuta fil-kawża għamlet lill-attur, huwa ġie mistoqsi jekk kienx liebes *seatbelt* dakinhar tal-inċident, iżda din id-darba ddikjara *"No I don't remember. Nothing about the car".* Il-kontroeżami jieqaf hemm fir-rigward ta' dak li ġara dakinhar u s-soċjetà intervenuta fil-kawża għal xi raġuni ma fittxetx li tiċċara kif l-attur minkejja d-dikjarazzjoni tiegħu waqt il-kontroeżami li huwa ma seta' jiftakar xejn, fl-*affidavit* tiegħu mhux biss sostna li kien liebes *seatbelt,* iżda wkoll li l-ġrieħi fi driegħu tal-lemin ġew ikkawzati proprju għaliex din inqabdet mas-*seatbelt* hekk u jtir 'il barra mill-vettura. Il-Qorti tqies li s-soċjetà intervenuta fil-kawża kellu wkoll l-għażla li tipproduċi xi paramediku jew lit-Tabib Jonathan Joslin[33], li assistew u li taw l-ewwel għajjut lill-attur, jew saħansitra l-atti ta' l-Inkjesta Maġisterjali li setgħet titfa' dawl fuq kif instab l-attur sussegwenti għall-inċident, għaliex ukoll fil-*Pre-op/Admission Sheet*[34] hemm indikat *"He was thrown out of the passenger window on impact and he does not remember anything after that",* u jekk verament is-*seatbelt* kienx f'postu jew le. Il-Qorti tosserva li fl-Inkjesta Maġisterjali ġew maħtura diversi esperti, li wkoll is-soċjetà intervenuta fil-kawża naqset milli tipproduċi. Is-soċjetà intervenuta għażlet ukoll li ma teskutix l-esperti mediċi ġudizzjarji, kemm fuq id-dikjarazzjoni li l-attur ma kienx liebes *seatbelt* fil-ħin tal-inċident, filwaqt li fl-istess ħin hu qal li ma seta' jiftakar xejn, kif ukoll fuq il-mod li setgħu ġew ikkawżati l-ġrieħi. Barra minn hekk, mhux ċar jekk il-kliem *"he was*

[33] Ara *Full Road Traffic Accident Report* a *fol.* 135.
[34] *A fol.* 413.

*not wearing a seat belt"* jirriflettux dak li qal l-attur jew humiex konstatazzjoni magħmula mill-esperti mediċi ġudizzjarji.

B'hekk illum il-Qorti għandha quddiem allegazzjoni ta' fatt, mhux konvinċentement ippruvat u li huwa daqstant importanti fir-rigward tal-allegata kontributorjetà tar-responsabbilità. Il-Qorti għandha r-riżervi tagħha dwar dak li jgħid l-attur fix-xhieda tiegħu, iżda ma tistax tiskarta dak li jirrikjedi l-artikolu 562 tal-Kap. 12 mingħand is-soċjetà intervenuta fil-kawża.

Għal dak li mbagħad jirrigwarda l-allegat kontributorjetà tal-attur għall-konsegwenzi tal-akkadut, il-Qorti filwaqt li tieħu inkonsiderazzjoni d-dispożizzjonijiet tas-subartikolu 6(2) tal-Kap. 104, tirrileva li fid-dawl ta' dawn id-dispożizzjonijiet l-attur ma jistax jitgħabba b'responsabbilita' kontributorja għal dak li seħħ lilu jekk jirriżulta li l-konvenuta kienet qiegħda ssuq taħt l-effett tal-alkoħol.

## Danni

Jifdal għalhekk li l-Qorti tgħaddi għal-likwidazzjoni tad-danni sofferti mill-attur, li jinkludu danni materjali kif ukoll telf ta' qligħ li huwa seta' u jista' jkollu minħabba fid-debilità permanenti sofferta minnu b'konsegwenza tal-inċident inkwistjoni.

L-esperti mediċi ġudizzjarji **Dr Anthony Galea Debono**, espert fin-newroloġija, u **Mr Frederick Zammit Maempel**, espert fl-ortopedija, ħejjew rapport[35] dettaljat wara eżami mediku tal-attur li sar fil-21 ta' Mejju, 2018, jigifieri kważi tliet snin wara li seħħ l-inċident, fejn spjegaw dak kollu li huma kkonstataw hekk kif eżaminaw lill-attur u waslu għall-konklużjoni li l-perċentwali ta' diżabilità permanenti huwa ta' 65%.

L-espert mediku ġudizzjarju **Dr David Cassar**, konsulent psikjatriku, eżamina lill-attur fl-istess data, u fir-rapport tiegħu[36], filwaqt li spjega dak kollu li huwa osserva, iddikjara li l-livell ta' diżabilità mill-aspett psikjatriku kien fil-perċentwali ta' 25%.

*Damnum Emergens:*

Flimkien mal-*affidavit* tiegħu l-attur ippreżenta diversi rċevuti[37] tal-ispejjeż mediċinali u tal-kura li huwa jgħid *"… that I had and continue having to take …"*. Mar-rikors maħluf tiegħu, l-attur kien diġà ippreżenta diversi fatturi oħra. Bosta minn dawn id-dokumenti huma miktubin bl-ilsien Spanjol u l-attur ftit li xejn ta spjegazzjoni dwar dawn id-dokumenti lill-Qorti. Dan filwaqt li l-Qorti tinnota li għajr għall-irċevuti a *fol* 589, 591, 593, 595, 596, 597, 598, 599, 600, 602, 604, 605, 606, annessi mar-rikors maħluf, l-ebda dokument ieħor m'għandu firma fuqu mill-persuna li ħarġitu, u stante li skont l-artikolu 559 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, din il-Qorti għandha titlob għall-aħjar prova li l-

[35] *A fol.* 531.
[36] *A fol.* 559.
[37] *A fol.* 570 sa *fol.* 604.

parti tista’ tressaq, hija tista’ taċċetta biss dawn l-irċevuti suriferiti bħala prova tad-*damnum emergens* li bata l-attur. Għandu jingħad ukoll li f’dawn l-irċevuti hemm indikazzjoni bl-ilsien Ingliż tas-servizz li ngħata lill-attur, u ġaladarba tirriżulta r-raġuni tal-ispiża li nkorra l-attur u l-konvenuta u anki s-soċjetà intervenuta fil-kawża ma kkontestawx l-ispejjeż rispettivi inkorsi skont dawn l-irċevuti, il-Qorti ma ssibx raġuni għaliex m’għandhiex taċċettahom. B’hekk bħala danni materjali li sofra l-attur kawża tal-inċident inkwistjoni, ser tiġi aċċettata s-somma komplessiva ta’ €5,691.85 (ħamest elef sitt mija wieħed u disgħin Euro u ħamsa u tmenin ċenteżmu).

*Spejjeż futuri u joie de vivre:*

Għal dak li jirrigwarda l-pretensjoni tal-attur mressqa fin-nota ta’ sottomissjonijiet għall-ħlas ta’ dawk l-ispejjeż li huwa ser jinkorri fil-futur u anki għall-ħlas ta’ kumpens stante il-bidliet sinifikanti li l-inċident ġab fuq ħajtu, din il-Qorti tagħraf li d-dispożizzjonijiet tas-subartikolu 1045(1) tal-Kap. 16 jagħmlu responsabbli l-persuna li tkun kkawżat il-ħsara għall-ħlas ta’ dawk id-danni li tkun attwalment sofriet il-persuna danneġġjata, mingħajr dritt għal kumpens ta’ spejjeż futuri jew għal danni morali. B’hekk il-liġi ma tagħti l-ebda dritt għal rimbors tal-ispejjeż futuri li tkun ser issofri bħala riżultat dirett tal-akkadut jew għal danni morali.

*Lucrum Cessans:*

F'sentenza fl-ismijiet **Emmeline Cini *vs.* Antoine Cachia**[38], il-Qorti qalet:

> *"Għalhekk il-Qorti għandha l-obbligu li teżamina t-telf ta' qligħ futur minħabba l-inkapaċità, it-telf ta' paga jew qligħ ieħor attwali li jinkorri fih id-danneġġjat; u dak it-telf ta' qligħ futur, ossia* lucrum cessans*, li d-danneġġjat ikun prekluż li jużufruwixxi minnu minħabba l-event sinistru kawża tal-egħmil dirett tad-danneġġjant."*

Fis-sistema legali tagħna il-kwantifikazzjoni tad-danni hija dejjem fid-diskrezzjoni tal-ġudikant, u għalkemm hija regolata minn ċerti prinċipji, dawn mhumiex assoluti. F'deċiżjoni fl-ismijiet **Paul Debono *vs.* Malta Drydocks**[39], ġie stabbilit illi:

> *"Id-determinazzjoni tal-kwantum tar-riżarċiment hi ċertament fis-sistema legali tagħna spirata mir-regola stabbilita fl-artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili. Fir-rigward tal-*lucrum cessans *dan jinvolvi telf ta' qliegħ futur minħabba l-inkapaċità. Il-ligi imbagħad tħalli fid-diskrezzjoni tal-Qorti biex, valjati c-ċirkostanzi tal-każ, ix-xorta u grad ta' inkapaċità, u l-kondizzjoni tal-parti danneġġjata tistabbilixxi s-somma riżarċitorja. Innegabilment, però, il-metodu ta' din il-valutazzjoni tad-dannu lill-persuna minn dejjem ikkostitwiet il-problema l-aktar spinuża, kif hekk jirriżulta minn sempliċi raffront tad-diversi deċizjonijiet in materja."*

L-attur min-naħa tiegħu pproduċa kopji ta' dak li l-Qorti tifhem kienet il-*payslip* għal kull xahar fis-snin 2013[40] u 2014[41] u anki għall-ewwel tliet xhur tas-sena 2015.[42] Iżda l-attur jispjega wkoll li s-soċjetà li magħha kien ilu jaħdem mis-sena 2005 meta kien għad għandu sbatax-il sena, bdiet sejra lura maż-żmien

[38] P.A., 18.02.2013.
[39] P.A., 27.04.2005.
[40] *A fol.* 48 sa 62.
[41] *A fol.* 63 sa 77.
[42] *A fol.* 78 sa 81.

minħabba l-kriżi finanzjarja dinjija, u għalhekk f'Marzu tas-sena 2015 huwa ma baqax jaħdem hemmhekk. Fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu l-attur jispjega li għalhekk id-dħul tiegħu kien naqas fis-sena 2014, u għall-fini ta' komputazzjoni tal-introjtu tiegħu, għandu jittieħed inkonsiderazzjoni l-qligħ tas-sena 2013, li huwa fis-somma ta' €14,030.57. Din il-Qorti ma taqbilx ma' dan, peress li kif tgħid is-soċjetà intervenuta fil-kawża, l-ebda prova ma ġab l-attur in sostenn tar-raġuni li huwa jagħti għat-tnaqqis fl-introjtu tiegħu fis-sena 2014, u għalhekk il-Qorti ser taħdem id-danni dovuta taħt dan il-kap abbażi tal-introjtu tiegħu fis-sena 2013 fis-somma ta' €11,707.57. Dan filwaqt li tgħid ukoll li ma taqbilx mat-talba tal-attur li hija għandha tieħu wkoll inkonsiderazzjoni s-somma mensili li ta' €400.00 rappreżentanti l-introjtu sħiħ, jiġifieri salarju u *tips,* mix-xogħol li huwa kien jagħmel filgħaxija bħala *waiter* peress li l-ebda prova ma tressqet fir-rigward ta' dan l-allegat impieg.

Is-salarju tal-attur irid jiġi aġġustat u jogħla abbażi tal-għoli tal-ħajja għall-perijodu kollu tal-*multiplier*[43], u dan skond ir-rata ta' inflazzjoni riżultanti f'dawn l-aħħar ħames snin fi Spanja, b'hekk {€11,707.47 + (€11,707.47 x 0.7% x 33)}, sabiex b'hekk il-Qorti qiegħda tikkomputa s-salarju medju li l-attur kien jirċievi li kieku baqa' jaħdem, fis-somma ta' €11,707.47 + €14,411.90 ÷ 2 = €13,059.69. Huwa dan is-salarju li l-Qorti ser tieħu għall-finijiet tal-komputazzjoni li trid tagħmel.

---

[43] F'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell fid-19 ta' Mejju, 2001, fl-ismjiet **Joseph Galea *vs.* Charles Fenech pro et noe,** il-Qorti stabbiliet illi,"Meta d-danni jirrappreżentaw kumpens għal telf futur il-Qorti trid tieħu in konsiderazzjoni l-effett li l-inflazzjoni jkollha fuq l-introjtu perċepit fid-data tal-inċident proġettat fuq firxa ta' snin magħżula bħala l-*multiplier*". Bħala rata ta' inflazzjoni annwali qed tittieħed ir-rata ta' 0.7% kif suġġerit mis-soċjetà intervenuta fil-kawża fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha, li hija r-rata medja tal-inflazzjoni f'dawn l-ahhar ħames snin skont https://www.statista.com/statistics/271077/inflation-rate-in-spain/ : {-0.5% (2015); -0.2% (2016); 1.96% (2017); 1.68% (2018);u -1.28% (2019)}.

Il-*multiplier* huwa fattur pjuttost diskrezzjonali għalkemm bħala regola huwa ġeneralment aċċettat li għal persuna fl-età ta' sebgħa u għoxrin (27) sena, li hija l-età li kellu l-attur meta seħħ l-inċident, il-*multiplier* adottat ikun ta' tlieta u tletin (33), tenut kont li persuna fl-età tal-attur huwa mistenni jaħdem almenu sakemm ikollu ħamsa u sittin (65) sena sabiex jilħaq età pensjonabbli.

F'sentenza fl-ismijiet **John u Laura konjuġi Ransley *vs.* Edward u Lydia konjuġi Restall**[44], il-Qorti qalet:

> *"Hawnhekk għandna fattur pjuttost diskrezzjonali. Il-metodu ta' likwidazzjoni tad-danni kien għal żmien twil ibbażat fuq il-prinċipji enunċjati fil-kawża* ***Butler vs Heard*** *deċiża mill-Qorti tal-Appell Ċivili Superjuri fit-22 ta' Settembru, 1967. F'dik il-kawża intqal li fid-determinazzjoni tal-*multiplier *wieħed irid jieħu in kunsiderazzjoni ċ-*'chances and changes of life'*, b'mod li dan il-*multiplier *ma jwassalx lid-danneġġjat li jieħu kumpens daqs li kieku baqa' jaħdem sad-data li jirtira, iżda l-figura tiġi mnaqqsa biex b'hekk ikun ittieħed kunsiderazzjoni l-fatt li l-persuna danneġġjata setgħet, fil-kors normali tal-ħajja tagħha, ma waslitx qawwija u sħiħ sal-età tal-pensjoni.*
>
> …
>
> *Hawn għalhekk naraw element diskrezzjonali li qed jingħata lill-ġudikant. Il-liġi ma tridx li l-kumpens ikun biss riżultat ta' eżerċizzju matematiku - għalkemm tali eżerċizzju jkun wieħed siewi u jwassal għal ċerta uniformità fil-likwidazzjoni tad-danni kif effettivament ġara wara s-sentenza ta'* ***Butler vs Heard****, b'danakollu l-ġudikant għandu jżomm quddiem għajnejh aspett aktar wiesa' tal-problema u fl-ammont li finalment jakkorda bħala danni għat-telf futur – dawk li fil-*gergo *huma magħrufa bħala* 'lucum cessans' *jipprova jimprimi sens ta' ġustizzja billi mhux biss iħares lejn l-interessi tad-danneġġjat iżda billi wkoll jittieħed inkonsiderazzjoni dak li kkawża d-dannu."*

[44] P.A., 10.05.2005.

L-esperti mediċi ġudizzjarji **Dr Anthony Galea Debono** u **Mr Frederick Zammit Maempel**, maħtura sabiex jagħmlu evalwazzjoni tad-diżabilità permanenti sofferta mill-attur mil-lat newroloġiku u ortopediku rispettivament, waslu għall-konklużjoni li l-grad ta' din id-debilità hija ta' 65%[45], filwaqt li Dr David Cassar fir-rapporttiegħu[46] wasal għall-perċentwali ta' diżabilità ta' 25% mil-lat psikjatriku. Il-Qorti ma ssibx raġuni għaliex m'għandhiex tistrieħ fuq ir-rapport tal-imsemmija esperti mediċi ġudizzjarji li saħansitra mhux kontestati mill-partijiet. Fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu l-attur jissottometti li b'hekk huwa sofra diżabilità permanenti fil-perċentwali ta' 90%, jiġifieri t-total tal-perċentwali stabbiliti mit-tliet esperti mediċi ġudizzjarji. Il-Qorti ma taqbilx ma' dan u tgħid li l-kalkolu tal-perċentwali għandu jirrifletti dak li huwa l-aktar aċċettat minn dawn il-Qrati[47] fejn sabiex wieħed jasal għal perċentwali aktar raġonevoli u li wkoll tagħmel ġustizzja mal-attur, għandu jiġi kkalkolat il-*weighted average*[48], jiġifieri fil-każ odjern {(100 – 65) x 25} ÷ 100 + 65 = 73.75% li għall-fini ta' prattiċità qed jiġi aġġustat għal 74%.

L-evoluzzjoni ġurisprudenzjali f'kawżi ta' din ix-xorta wassal għal żvilupp ieħor importanti, dak li jsir tnaqqis ta' 20% minħabba li l-ħlas tal-kumpens qiegħed isir f'darba (*lump sum payment).* Spiss kien jiġri li f'kawżi li kienu jdumu s-snin biex jinqatgħu, il-Qorti kienet tnaqqas 2% minn dan l-20% għal kull sena li kawża ddum biex tinqata' f'każijiet fejn ikunu għaddew aktar minn tliet snin

[45] *Supra*.
[46] *Supra.*
[47] Ara App.Sup.913/00, **Brian Micallef** ***vs.*** **Brian Tyre Services Ltd et**, 31.01.14, u proprju s-sentenza ċitata mis-soċjetà intervenuta fil-kawża rikors maħluf nru. 760/15, **Anthony Micallef u Helen Taliana in rappreżentanza ta' u eżerċenti l-awtorità parentali fuq binthom minuri Shania Micallef** ***vs.*** **Pierre Cuschieri**, 10.04.19.
[48] Ara regolament 3 tad-*Draft Regulations for Assessment of Damages for Death or Incapacity – "Assessment Regulations"* tal-2010 maħruġa mill-Ministru Responsabbli għall-Ġustizzja:
$\frac{(100 - M) \times m}{100} + M$ fejn "M" hi l-ogħla rata u "m" hi l-aktar rata baxxa.

bejn id-data meta jiġi ppreżentat ir-rikors maħluf u d-data tas-sentenza. Madanakollu f'dan il-każ il-Qorti ma tarax li hemm lok għal tali tnaqqis. Il-kawża ġiet ippreżentata ftit aktar minn tliet snin ilu fit-13 ta' Jannar, 2017, minkejja li l-inċident kien seħħ fl-2015, u d-deċiżjoni ser tkun qiegħda tingħata mingħajr ma jirriżulta li kien hemm titubar jew delungar intenzjonat da parti ta' xi waħda jew oħra mill-partijiet.

Is-salarju medju ta' €13,059.69 x *multiplier* ta' 33 x 74% diżabilità permanenti sofferta mill-attur, iwasslu għal cifra ta' €318,917.62, li meta tiġi mnaqqsa b'20% għal-lum sum payment, iwassal għaċ-ċifra ta' €255,134.10. Huwa dan il-*lucrum cessans* li l-Qorti qiegħda tistabbilixxi li għandu jitħallas mill-konvenuta.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi l-Qorti tiddeċiedi billi:**

1. **Tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenuta;**

2. **Tilqa' t-talbiet kollha tal-attur u tiddikjara li r-responsabbilità tal-inċident mertu ta' din il-kawża għandha tinġarr mill-konvenuta;**

3. **Tillikwida d-danni kollha sofferti mill-attur b'konsegwenza tal-istess inċident fis-somma ta' mitejn u sittin elf, tmien mija u ħamsa u għoxrin Euro u ħamsa u disgħin ċenteżmu (€260,825.95); u**

4. **Tikkundanna lill-konvenuta tħallas lill-attur id-danni kif likwidati.**

**Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali mil-lum sad-data tal-ħlas effettiv.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**